2) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet intiżi għall-annullament tar-rapport ta' evalwazzjoni għall-2012 u tal-atti kollha konnessi, konsegwenti u anteċedenti.*

3) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

4) *Il-Bank Ewropew tal-Investiment għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat ibati l-ispejjeż ta' C. De Nicola.*

(1) ĠU C 212, 7.7.2014, p. 44.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tas-17 ta' Diċembru 2015 – Bowles vs BĊE

(Kawża F-94/14) (1)

(Servizz Pubbliku — Persunal tal-BĊE — Membri tal-kumitat tal-persunal — Remunerazzjoni — Salarju — Żieda addizzjonali tas-salarju — Eliġibbiltà)

(2016/C 048/103)

Lingwa tal-kawża:Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Carlos Bowles (Frankfurt am Main, il-Ġermanja) (rappreżentanti: L. Levi u M. Vandenbussche, avukati)

Konvenut: Il-Bank Ċentrali Ewropew (rappreżentanti: E. Carlini, S. Camilleri u M. López Torres, aġenti, B. Wägenbaur, avukat)

Suġġett tal-kawża

It-talba għal annullament tad-deċiżjoni tad-direttorat tal-BĊE li r-rikorrent ma jingħatax "ASA" (żieda addizzjonali tas-salarju), fil-kuntest tal-proċedura ta' reviżjoni annwali tas-salarji u tal-premji, għas-sena 2014.

Dispożittiv

1) *Id-deċiżjoni tad-direttorat tal-Bank Ċentrali Ewropew, tal-25 ta' Frar 2014, li C.Bowles ma jingħatax żieda addizzjonali tas-salarju għas-sena 2014 hija annullata.*

2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

3) *Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat għall-ispejjeż sostnuti minn C. Bowles.*

(1) ĠU C 7, 12.01.2015, p. 49.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tas-17 ta' Diċembru 2015 – Seigneur vs BĊE

(Kawża F-95/14) (1)

(Servizz Pubbliku — Persunal tal-BĊE — Membri tal-kumitat tal-persunal — Remunerazzjoni — Salarju — Żieda addizzjonali tas-salarju — Eliġibbiltà)

(2016/C 048/104)

Lingwa tal-kawża:Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Olivier Seigneur (Frankfurt am Main, il-Ġermanja) (rappreżentanti: L. Levi u M. Vandenbussche, avukati)

Konvenut: Il-Bank Ċentrali Ewropew (rappreżentanti: E. Carlini, D. Camilleri Podestà u M. López Torres, aġenti, B. Wägenbaur, avukat)

Suġġett tal-kawża

It-talba għal annullament tad-deċiżjoni tad-direttorat tal-BĊE li r-rikorrent ma jingħatax "ASA" (żieda addizzjonali tas-salarju), fil-kuntest tal-proċedura ta' reviżjoni annwali tas-salarji u tal-premji, għas-sena 2014.

Dispożittiv

1) *Id-deċiżjoni tad-direttorat tal-Bank Ċentrali Ewropew, tal-25 ta' Frar 2014, li O.Seigneur ma jingħatax żieda addizzjonali tas-salarju għas-sena 2014 hija annullata.*

2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

3) *Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat għall-ispejjeż sostnuti minn O.Seigneur.*

(1) ĠU C 421, 24.11.2014, p. 63.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-15 ta' Diċembru 2015 – Clarke, Dickmanns u Papathanasiou vs UASI

(Kawżi F-101/14, F-102/14 u F-103/14) (1)

(Servizz Pubbliku — Membri tal-Persunal temporanju — Persunal tal-UASI — Kuntratt għal żmien determinat li jinkludi klawżola ta' xoljiment — Klawżola li ttemm il-kuntratt fl-ipoteżi fejn il-membru tal-persunal ma huwiex inkluż fil-lista ta' riżerva ta' kompetizzjoni — Data li fiha l-klawżola ta' xoljiment issir effettiva — Kompetizzjonijiet ġenerali OHIM/AD/01/13 u OHIM/AST/02/13)

(2016/C 048/105)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Nicole Clarke, Sigrid Dickmanns u Elisavet Papathanasiou (Alicante, Spanja) (rappreżentant: H. Tettenborn, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: A. Lukošiūtė, aġent, B. Wägenbaur, avukat)

Suġġett tal-kawżi magħquda

Minn naħa, it-talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-konvenut li japplika fil-kuntest tal-kompetizzjonijiet ġenerali OHIM/AD/01/13 u OHIM/AST/02/13 tal-klawżola li tinsab fil-kuntratti tax-xogħol tar-rikorrenti u li tipprevedi x-xoljiment awtomatiku tal-kuntratt fil-każ ta' nuqqas ta' suċċess fl-ewwel kompetizzjoni ġenerali bi speċjalizzazzjoni fil-proprjetà industrijali li tikkorrispondi għall-funzjonijiet tagħhom, u min-naħa l-oħra, it-talba għall-kundanna tal-UASI sabiex tikkumpensa d-dannu morali u materjali kkawżat lir-rikorrenti.

Dispożittiv

1) *Ir-rikorsi huma miċħuda.*